**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 306/2017 MS*

**Roderick Pulis, Jesmond Pulis u Raymond Pulis**

**Vs.**

**Geoffrey Pulis u Warren Pulis**

Illum, 30 ta' Settembru, 2024

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fis-6 t'April, 2017, li permezz tiegħu wara li ppremettew:

> Illi r-rikorrenti Roderick Pulis, Jesmond Pulis u Raymond Pulis u l-intimat Geoffrey Pulis huma l-erbgha ahwa ulied tad-defunti Grazio u Vincenza konjugi Pulis, filwaqt li l-intimat Warren Pulis huwa iben l-intimat l-iehor Geoffrey Pulis u allura n-neputi tad-defunti Grazio u Vincenza konjugi Pulis.

Illi Vincenza Pulis [K.I. 541242M] mietet fil-21 ta' Settembru 2000 filwaqt li zewgha Grazio Pulis [K.I. 732539M] miet fis-26 ta' Dicemburu 2016.

Illi fit-26 ta' Lulju 2000, Grazio Pulis flimkien ma' martu Vincenza Pulis ghamlu testment *unica charta*, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia fejn innominaw lill-erbgha uliedhom Roderick, Jesmond u Raymond u Geoffrey Pulis bhala werrieta universali taghhom;

Illi fit-30 ta' Settembru 2015, Grazio Pulis ghamel testment' iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg fejn huwa (i) rrevoka kull testment precedenti, (ii) ordna illi uliedu Roderick Pulis, Jesmond Pulis u Raymond Pulis jigu eskluzi minn kwalsiasi drittijet ta' successjoni nkluz id-dritt li jircievu il-Porzjoni Rizervata, (iii) innomina bhala werriet universali tieghu lill-ibnu l-iehor Geoffrey Pulis in kwantu ghall-nofs indiviz mill-assi totali kif ukoll lin-neputi tieghu Warren Pulis [iben ibnu Geoffrey Pulis] in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor.;

Illi pero', Grazio Pulis wara l-mewt ta' martu u qabel it-30 ta' Settembru 2015, kien ilu zmien mhux f'sensih w ghaldaqstant kien inkapaci jiddisponi b'testment;

Illi minhabba f'din l-inkapacita tal-imsemmi Grazio Pulis, it-testment fuq imsemmija tat-30 ta'Settembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg huwa null w bla effett

huma għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li:

1) Grazio Pulis kien inkapaci jiddisponi b'testment peress li ma kienx f'sensieh skond il-ligi fiz-zmien li ghamel it-testment tat-30 ta'Settembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg;

2) It-testment tat-30 ta'Settembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Borg maghmul minn Grazio Pulis huwa null u bla effett fil-ligi minhabba fin-nuqqas ta' kapacita tal-apparenti testatur Grazio Pulis;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fid-9 ta' Mejju 2017[1], li biha huma eċċepew hekk:

    1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

    2. Illi c-certifikat tal-Psikjatra Etienne Muscat, Dokument A anness ma' din ir-risposta jikkonferma l-kapacita' tad-decuius Grazio Pulis li jiddisponi minn gidu fil-mument li ghamel it-testment tat-30 ta Settembru, 2015 u dan kif ser jigi ampjament ippruvat fil-mori tal-proceduri.

    3. Illi t-testment tat-30 ta' Settembru, 2015 in atti Nutar Roberta Borg li bih il-konvenuti gew nominati bhala eredi universali tal-mejjet Grazio Pulis huwa testamentvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

    4. Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi rikorrenti.

    5. Illi l-esponenti jafu bil-fatti esposti personalment.

    6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibli fil-ligi.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

5. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi jridu li l-aħħar testment ta' Grazio Pulis jiġi dikjarat null u bla siwi billi huwa ma kellux il-kapaċità neċessarja fil-mument li sar dan l-istess testment.

8. Illi l-fatti rilevanti huma dawn:

[1] A fol.18.

(i) l-atturi u l-konvenut Geoffrey Pulis huma aħwa u wlied Grazio Pulis u martu Ċensina Pulis, filwaqt li l-konvenut Warren Pulis huwa iben il-konvenut Geoffrey Pulis;

(ii) Grazio Pulis miet fis-26 ta' Diċembru 2016 fl-età ta' sebgħa u sebgħin sena[2], wara li kienet diġà mietet snin qabel martu. Jirriżulta li Grazio Pulis għamel żewġ testmenti[3], u ċjoè wieħed fl-atti tan-Nutar Joseph Lia datat 26 ta' Lulju 2000, u ieħor fl-atti tan-Nutar Roberta Borg datat 30 ta' Settembru 2015;

(iii) it-testment datat 26 ta' Lulju 2000 kien wieħed *unica charta*, li bih Grazio Pulis u martu Vincenza (jew Ċensina) Pulis innominaw bħala werrieta universali tagħhom lill-erba' wliedhom f'ishma ndaqs bejniethom. It-testaturi, filwaqt li ħallew lil xulxin reċiprokament l-użufrutt fuq l-assi ereditarji rispettivi tagħhom, taw ukoll lil xulxin il-fakultà li jvarjaw jew iħassru dan it-testment mingħajr ma jinkorru fil-penalitajiet preskritti mil-liġi;[4]

(iv) snin wara li romol, Grazio Pulis għamel it-tieni testment tiegħu fl-atti tan-Nutar Roberta Borg u datat 30 ta' Settembru 2015[5]. B'dan it-testment, huwa ħassar u rrevoka t-testment preċedenti tiegħu, u ordna li l-atturi jiġu esklużi minn kull dritt suċċessorju b'konsegwenza ta' «*raġunijiet ta' moħqrija fiżika, psikoloġika u mentali hekk murija mill-imsemmija ulied versu t-Testatur, u dan b'tali mod u manjiera illi l-anqas il-Porzjoni Riservata dovuta skont il-liġi ma tingħata a bażi tal-istess raġuni; kif ukoll kwalunkwe drittijiet t'imgħax ikunu espressament esklużi*». It-testatur innomina bħala werrieta tiegħu lill-konvenuti f'ishma ndaqs bejniethom, u lill-Avukat Maria Azzopardi bħala eżekutriċi testamentarja tiegħu;

[2] Ara fol.5.
[3] Ara r-riċerki testamentarji pubbliċi eżebiti a fol.6, u r-riċerki testamentarji sigrieti, a fol.9.
[4] Ara fol.10.
[5] Ara fol.13.

(v) irriżulta li la Grazio Pulis u lanqas uliedu ma kienu jafu lill-Avukat Maria Azzopardi qabel inbdew dawn il-proċeduri[6]. In-Nutar Roberta Borg xehdet li Grazio Pulis ċempillha hu stess għall-appuntament u din kienet l-unika okkażjoni li pprestat is-servizzi tagħha lilu. Huwa qalilha li ried jagħmel testment u x'kienet l-età tiegħu, u meta n-Nutar Borg semgħet x'kienet dik l-età, talbitu jikseb ċertifikat psikjatriku dwar il-kapaċità testamentarja tiegħu. Hi tatu appuntament, li għalih it-testatur ġie waħdu. In-Nutar Borg xehdet ukoll li t-testatur kien spjegalha għaliex kien iddiżeredita lill-atturi u għaliex innomina bħala werrieta lill-konvenuti, u kien spjega li l-atturi kienu abbandunawh u anki qalu kliem mhux xieraq lejh, filwaqt li l-konvenuti kienu qed jieħdu ħsiebu kuljum u jaraw li ma jonqsu xejn[7];

(vi) fit-28 ta' Settembru 2015, il-psikjatra Dr Etienne Muscat irrilaxxa ċertifikat[8] li bih huwa sab li Grazio Pulis kien munit bil-kapaċità testamentarja neċessarja, u li kellu l-fakultajiet mentali kollha meħtieġa sabiex jagħmel testment. Jirriżulta li Dr Muscat iltaqa' darba waħda ma' Grazio Pulis[9], u f'dik l-okkażjoni kien akkumpanjat mill-konvenut Geoffrey Pulis[10];

(vii) irriżulta li Grazio Pulis kien baqa' jgħix fid-dar tiegħu f'Ħaż-Żabbar skont ix-xewqat tiegħu stess[11]. Għall-ħabta tas-sena elfejn u tmienja (2008) kienet tatu puplesija iżda maż-żmien kienet tjiebet il-kondizzjoni tiegħu tant li kien anki reġgħa beda jsuq u kien anki jżur sikwit ħabiba tiegħu fil-Gżira[12], iżda fis-sena elfejn u ħmistax (2015) beda jkollu ħafna aċċidenti bil-karozza[13], li skont l-atturi kienu l-effett tal-mediċina li kien jieħu[14]. F'dak il-perijodu ta' żmien, jgħidu l-atturi, missierhom kien mar lura tant li kien jitfixkel minn fejn għandu jgħaddi kif ukoll ma jagħrafx lil nies li kien ilu żmien jafhom.

[6] Ara x-xiehda ta' Dr Maria Azzopardi, a fol.62.
[7] Ara x-xiehda ta' Dr Roberta Borg, a fol.187-189.
[8] A fol.21.
[9] Ara x-xiehda ta' Dr Etienne Muscat, a fol.264.
[10] Ara x-xiehda ta' Dr Etienne Muscat, a fol.265.
[11] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.25.
[12] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.27.
[13] Fil-kontro-eżami tiegħu, l-attur Raymond Pulis spjega li kien hemm tliet inċidenti bil-karozza ma' karozzi oħrajn, li fihom ma weġġa' ħadd u li dwarhom ma sar ebda rapport (a fol.119-120).
[14] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.25.

(viii) jidher li f'xi żmien Grazio Pulis kien beda joħroġ bil-lejl mid-dar u ma jsibx triqtu lura, tant li f'okkażjoni minnhom kien inġab lura d-dar mill-Pulizija. Għalhekk uliedu kienu pruvaw anki jsibu *carers* biex joqgħodu miegħu anki matul il-lejl[15];

(ix) f'dak iż-żmien, u ċjoè fis-sena elfejn u ħmistax (2015), il-konvenut Warren Pulis mar jgħix ma' nannuh Grazio Pulis[16]. Qabel, kien jgħix fl-istess binja għalkemm f'mezzanin separat l-attur Roderick Pulis[17], li però kien jaħdem barra minn Malta u allura kien ikun sikwit imsiefer fuq xogħol. Iżda Roderick Pulis ma baqax jgħix fl-istess binja ma' missieru, għaliex skont hu l-konvenut Geoffrey Pulis kien ħebb għas-sieħba tiegħu u anki ġiet sospiża l-provvista tal-ilma[18]. Dan ġara fis-sena 2014[19];

(x) l-attur Roderick Pulis xehed li lejn l-aħħar tas-sena 2015, missieru kien qallu li qed jibża' mill-konvenut Geoffrey Pulis, billi dan kellu f'moħħu li jġiegħlu jiffirma xi karti biex lil ħutu jeħdilhom kollox[20]. Waqt il-kontro-eżami tiegħu żied li din id-data aktarx żbaljata għax f'Diċembru 2015 diġà ma kienx għadu qed jgħix fuq id-dar ta' missieru[21]. Xehed ukoll li matul dik is-sena, missieru ma kellux il-fakultajiet sħaħ, tant li ma kienx ikun jaf jekk kielx u ġieli kien anki jippreżenta ruħu bil-ħwejjeġ ta' taħt quddiem nies oħra li jkunu preżenti fid-dar tiegħu[22]. Issemma wkoll episodju fejn Grazio Pulis kien se joħroġ mid-dar bil-ħwejjeġ ta' taħt biss[23]. Skont l-istess attur, il-konvenut Geoffrey Pulis beda jagħmel li jista' biex missieru ma jkollux kuntatt ma' ħaddieħor, inkluż li jiġġieled mal-ħabiba ta' missieru u mal-għarusa ta' Roderick Pulis stess, sabiex dawn ma jibqgħux jiġu fil-post tar-residenza tal-missier[24];

---

[15] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.34-35.
[16] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.26.
[17] Ara x-xiehda tal-attur Roderick Pulis, a fol.55, u x-xiehda ta' Dorcas Camilleri, a fol.76.
[18] Ara x-xiehda tal-attur Roderick Pulis, a fol.60-61.
[19] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attur Roderick Pulis, a fol.146-147.
[20] Ara x-xiehda tal-attur Roderick Pulis, a fol.55.
[21] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Roderick Pulis, a fol.148.
[22] Ara x-xiehda tal-attur Roderick Pulis, a fol.57.
[23] Ara x-xiehda ta' Dorcas Camilleri, a fol.78.
[24] Ara x-xiehda tal-attur Roderick Pulis, a fol.58.

(xi) irriżulta wkoll li f'Ġunju tas-sena 2016, il-missier Grazio Pulis għamel prokura bankarja[25] favur l-attur Raymond Pulis sabiex dan ikun jista' jieħu ħsieb il-finanzi tiegħu, liema prokura saret għand in-Nutar Lia[26], għaliex Grazio Pulis ma baqax jiflaħ imur il-bank[27]. Skont l-atturi, in-Nutar Joseph Lia, u qablu missieru, kienu dejjem in-Nutara tal-għażla ta' missierhom[28]. Din il-prokura ma ġietx revokata ħlief bil-mewt ta' Grazio Pulis[29], u l-atturi jgħidu li saret bi qbil bejn l-aħwa kollha[30];

(xii) is-saħħa fiżika ta' Grazio Pulis bdiet tmur lura f'dik l-epoka wkoll, u kien hemm episodji fejn huwa ittieħed u nżamm l-isptar minħabba qtugħ ta' nifs u problemi oħrajn[31]. Jidher li lejn l-aħħar ta' ħajtu huwa kien jieħu mediċina għal qalbu, mediċina dwar l-urina, aspirina, kif ukoll għall-pressjoni[32]. L-attur Raymond Pulis xehed ukoll li l-missier kien anki beda jieħu xi mediċina minħabba l-kondizzjoni mentali tiegħu[33]. Dwar din il-kondizzjoni, intqal li l-attur Raymond Pulis beda jieħu lill-missieru għall-kura fl-Isptar Karen Grech minn April 2016[34]. L-atturi wkoll xehdu li kienu ġabu ħaddiema soċjali għall-missierhom. Din il-ħaddiema soċjali kienet żaret lil Grazio Pulis fil-preżenza tal-erba' wliedu f'daru fis-26 ta' Marzu 2016[35], u kien irrakkomandat lill-kontendenti sabiex jirrikorru lill-Bord dwar il-Kustodja. Min-noti eżebiti mill-ħaddiema soċjali, jidher li hija kienet infurmata minn Raymond Pulis, f'laqgħa li hi kellha miegħu fl-uffiċċju tagħha fit-2 t'April 2016, li kienet saret applikazzjoni lill-Bord dwar il-Kustodja, avolja l-konvenut Geoffrey Pulis kien kuntrarju għaliha[36];

[25] Eżebita a fol.99.
[26] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.29.
[27] Ara x-xiehda tan-Nutar Joseph Lia, a fol.43.
[28] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.30.
[29] Ara x-xiehda ta' Johanna Bartolo, a fol.97.
[30] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Roderick Pulis, a fol.155-156.
[31] Ara x-xiehda ta' Dorcas Camilleri, a fol.79-80.
[32] Ara x-xiehda in kontro-eżami ta' Raymond Pulis, a fol.121, kif ukoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Andrii Kolobrodov, a fol.251.
[33] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attur Raymond Pulis, a fol.121.
[34] Ara x-xiehda in kontro-eżami tal-attur Raymond Pulis, a fol.129.
[35] Ara fol.236.
[36] Ara fol.236.

(xiii) f'Diċembru tas-sena 2016, saret applikazzjoni mill-attur Raymond Pulis[37] lid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità sabiex Grazio Pulis jiddaħħal f'dar tal-anzjani. Għalkemm l-applikazzjoni waslet fid-Dipartiment fil-15 ta' Diċembru 2016, hija datata mill-applikant 3 ta' Ġunju 2016[38]. F'din l-applikazzjoni hemm ukoll parti li trid timtela mit-tabib tal-familja, fejn iridu jiġu ndikati l-istorja medika u l-mediċina li jkun qed jieħu l-persuna kunċernata. Minn dak li setgħet tiddeċifa l-Qorti, l-istorja medika ma fiha ebda riferenza għal xi kondizzjoni mentali fit-testatur. Fil-parti fejn jiġu ndikati l-ħiliet komunikattivi ta' Grazio Pulis, it-tabib Noel Camilleri immarka li fis-smigħ, huwa kien «*mhux ħażin*», filwaqt li fil-kliem u l-vista kien «*batut*». Dwar l-istat mentali jingħad li Grazio Pulis kien «*kultant*» orjentat in kwantu għal ħin, post u persuna, u kellu l-memorja «*nieqsa ftit*». Fix-xiehda tiegħu it-Tabib Noel Camilleri qal li Grazio Pulis, għalkemm lilu kien għarfu u għaraf anki l-post fejn imlew l-applikazzjoni, ma kienx jaf x'ġurnata kienet dakinar[39]. Ġie deskritt bħala «*kapaċi bi ftit għajnuna*» għal dak li jirrigwarda ikel, ilbies u iġiene personali, filwaqt li kien «*jeħtieġ l-għajnuna*» fix-xogħol tad-dar, fil-preparazzjoni tal-ikel u fix-xiri.

(xiv) l-atturi jgħidu li huma ma kienux jafu bit-tieni testment magħmul minn missierhom, iżda l-konvenut Geoffrey Pulis kien jaf, tant li kien anki avża lin-Nutar Lia (li ġie nkarigat iħejji d-dikjarazzjoni *causa mortis*) dwar l-eżistenza tat-tieni testment[40].

Ikkunsidrat:

9. Illi kif diġà ntqal, l-atturi qed jimpunjaw it-testment magħmul minn missierhom Grazio Pulis fit-30 ta' Settembru 2015 għaliex, skont huma, huwa ma kellux il-kapaċità neċessarja biex jagħmel dak it-testment.

---

[37] Ara x-xiehda ta' Nadia Cauchi, a fol.181.
[38] Ara fol.200.
[39] Ara fol.230.
[40] Ara x-xiehda tal-attur Raymond Pulis, a fol.31.

10. Huwa punt paċifiku ta' dritt li r-raġunijiet li jagħmlu persuna nkapaċi li tiddisponi minn ġidha b'testment jinqasmu f'dawk li huma assoluti u dawk li huma relattivi; «*l'incapacità può essere assoluta o relativa; assoluta quando esiste per tutti; relative quando non esiste che per certe persone*»[41].

11. L-artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili, fil-partijiet rilevanti tiegħu, jipprovdi kif ġej:

> 597. Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment:
> ...
> (b) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom:
> Iżda testment jista' biss isir permezz ta' interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jirċievi t-testment ikun sodisfatt, wara li jagħti ġurament lill-interpretu, li dak l-interpretu jista' jinterpreta x-xewqat tat-testatur b'mod korrett;
> ...
> (d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;

12. Rigward il-kwalità tal-infermità mentali li twassal għal din ix-xorta ta' nkapaċità, inkiteb ħafna fil-qasam tal-liġi ċivili. Il-ġurista Taljan ***Pacifici Mazzoni*** spjega l-qagħda legali kif ġej:

> Questione giuridica importante è, quale infermità tolga la capacità di testare. Due diverse dottrine si trovano di fronte. Secondo l'una, per testare occorre una mente sanissima, imperciocchè trattasi della disposizione di un intero patrimonio o di una parte di esso a titolo puramente lucrativo. Ora, in vista appunto di questo lucro che può essere anco pinguissimo, l'esperienza ha dimostrato che se di mente sanissima non sia il proprietario di esso, i parenti, gli affini, gli amici, i confidenti, i domestici e altre persone tentano di circuirlo con arti ora lusinghiere ora minacciose, a fine d'indurlo a disporne a loro favore.

[41] ***Baudry Lacantinerie*** u ***Colin***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile: Delle Donazione fra Vivi e dei Testamenti, Vol.I, §237.

> Dall'altra parte si dice che il testatore non si spoglia dei suoi beni che per il tempo in cui avrà cessato di vivere. Dall'atto testamentario adunque esso non può risentire verun danno pecuniario. Inoltre le disposizioni di ultime volontà sono suggerite dai sentimenti d'affezione, che chi vuol farle nutre in cuore. Ora, per seguire l'ispirazione del sentimento non occorre aver la mente sanissima: l'istinto e l'abitudine vi possono più che la ragione, o almeno quelle cause possono essere rettissime, anche senza la guida di ragione perfettamente sana.
>
> Soddisfacenti appariscono le due dottrine; ma perchè la scelta non sia arbitraria, sibbene legale, cioè fatta in conformità del pensiero del legislatore, ricerchiamo questo nelle manifestazioni legislative da lui fatte.
>
> Ora, osserviamo che egli dichiara incapaci di testare gli interdetti per infermità di mente, ma non gli abilitati. Civilmente adunque questi possono fare testamento. Ma anco l'inabilitazione ha per causa ordinaria l'infermità mentale ... ... Giusta l'intendimento del legislatore adunque, non ogni infermità mentale priva una persona della capacità di disporre dei suoi beni per testamento; ma quella solamente che lo rende incapace di provvedere ai propri interessi.[42]

13. Anki fil-liġi tagħna, huma biss l-interdetti li huma milqutà bl-inkapaċità assoluta li jiddisponu b'testment. L-inabilitati ma humiex imqiegħda mil-leġiżlatur fl-istess keffa, li għalhekk ifisser li persuna inabilitata m'hijiex b'daqshekk prekluża milli tiddisponi b'testment. Naturalment, jekk sussegwentement il-kondizzjoni li tkun wasslet għall-inabilitazzjoni tal-persuna tmur għall-agħar, tqum xorta waħda l-inkapaċità kemm-il darba jintwera li dik il-kondizzjoni tkun rendiet lil dik il-persuna inkapaċi li tħares l-interessi tagħha. Iżda kif jgħid tajjeb l-awtur appena ċitat, il-fatt li l-leġiżlatur ma eskludix bħala inkapaċi l-persuni inabilitati minħabba kondizzjoni mentali jfisser li mhux kull kondizzjoni mentali twassal għall-inkapaċità taħt l-artikolu 597, u huwa f'dak is-sens li għandha tinftiehem il-liġi.

14. Fid-dottrina legali huma wkoll imħaddna s-segwenti prinċipji dwar din il-materja:

[42] Il Codice Civile Italiano Commentato (1928), Vol.VI, §40.

> 49. Per essere incapaci di testare per infermità di mente esige, ma pur basta alla legge che l'infermità esiste *al tempo del fatto testamento*. Indi la quadruplice conseguenza:
>
> 1o Che sarebbe valido il testamento di persona stata già alienata di mente, ma guarita quando dettò i suoi estremi voleri;
> 2o Che parimente sarebbe valido il testamento di una persona abitualmente alienata di mente (ben inteso non interdetta) se fatto in un lucido intervallo;
> 3o Che non soltanto l'infermità di mente abituale e permanente, ma anche quella temporaria o accidentale (come quella prodotta dall'ebrietà, dalla febbre violenta o simili) rende incapaci di testare;
> 4o Che l'infermità di mente soppravenuta soltanto dopo fatto il testamento ... non nuoce alla validità dell'atto.
>
> 50. La sanità della mente costituendo lo stato normale degli individui, chi impugna un testamento siccome fatto da un infermo di mente è in obbligo di dare la prova rigorosa del suo assunto. Quest'obbligo, che già per sè deriva dai principii elementari del diritto probatorio, piacque al nostro legislatore d'imporlo in termini espliciti, forse ad indicare la necessità assoluta d'una prova esattissima nel presente caso; laonde disse incapaci di testare coloro i quali SI PROVI essere stati infermi di mente, ecc.
>
> Eppertanto sarebbe irrilevante, o quanto meno insufficiente, la prova di quei fatti o di quelle circostanze psicologiche o patologiche, le quali, sebbene spesso siano accompagnate dalla infermità della mente, non valgono però per stabilirla in modo irrefragabile.
>
> 51. Cosi ad es., a nulla varrebbe, per sè, il provare che il testatore dettò le sue volontà in età avvanzatissima e decrepita; imperocchè sebbene non sia infrequente il caso che l'individio giunto agli estremi stadi dell'esistenza abbia intorpidite od ottenebrate le facoltà intellettuali, può benissimo accadere altresi che malgrado il grave cumulo degli anni la mente si conservi lucida e serena o, quanto meno, sana abbastanza da poter testare.[43]

15. Dawn il-prinċipji mnisslin mid-dottrina tal-liġi ċivili ġew konsistentement applikati fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin. Fid-deċiżjoni ***Giuseppe Formosa et vs. Giuseppa Axiak et*** (Appell Superjuri, 20/6/1938)[44] ġew elenkati dawn il-prinċipji:

---

[43] ***Il Digesto Italiano***, vuċi «Successioni Testamentarie».
[44] Kollezz. Vol.XXX.i.176.

> Illi kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, il-kapaċità li wieħed jagħmel testment hija r-regula, u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni u għalhekk il-preżunzjoni *iuris tantum* hija illi min ikun għamel testment huwa kapaċi biex jiddisponi mill-beni tiegħu, salva l-prova kuntrarja, u għalhekk dak li jrid iwaqqa' t-testment għandu fuqu l-prova illi t-testatur ma kienx kapaċi. Regula oħra fondamentali f'dina l-materja hija wkoll dik stabbilita mill-artikolu 295 inċiż 4 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 illi huma inkapaċi li jagħmlu testment dawk illi fi żmien it-testment ma jkunux "of sound mind"; u għalhekk min ikun qiegħed jimpunja t-testment ikollu bżonn li juri illi fil-mument tat-testment jew, almenu skond xi awturi, fl-epoka li sar it-testment it-testatur ma jkunx kapaċi. Il-Laurent (Principii di Diritto Civile, Vol.XI, No.116), igħid: "La Corte di Cassazione ha affermato i veri principii giudicando che la pretesa incapacità di un testatore, che si afferma di essere non sano di mente, deve dimostrarsi esistente all'epoca della confezione del testamento, ovvero *in modo abituale e senza alcun lucido intervallo*, ciò che comprende anche quel momento ... Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza, bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente. Se, al contrario, è provato che il defunto avesse dei lucidi intervalli, egli è certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente, poichè può avvenire che il testatore si trovasse in un lucido intervallo nel momento appunto in cui disponeva". Ċertament jekk ikun pruvat l-istat abitwali tad-demenza fl-epoka qabel it-testment, fl-epoka tat-testment u anki wara, min irid isostni l-validità tat-testment għandu jipprova l-intervall luċidu...

16. Fl-istess sens hija wkoll id-deċiżjoni ***Joseph Vassallo et vs. Avv. Dr. Victor R. Sammut et noe*** (24/4/1950)[45], fejn il-Qorti tal-Appell osservat hekk:

> 1. Li l-kapaċità li wieħed jagħmel testment hija r-regola, u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni. Għalhekk il-preżunzjoni "juris tantum" hija illi min jagħmel testment huwa kapaċi biex jiddisponi mill-beni tiegħu, salva l-prova kuntrarja, li trid issir minn min jaġixxi għall-impunjazzjoni tat-testment;-
> 2. Li regola oħra fondamentali hija dik stabbilita mill-paragrafu (d) ta' l-art.634 tal-Kodiċi Ċivili, li huma nkapaċi li jiddisponu b'testment dawk li fi żmien it-testment ma jkunux f'sensihom ("of sound mind"). Konsegwenza ta' din

[45] Kollezz. Vol.XXXIV.i.108.

ir-regola hija li min jimpunja t-testment irid jipprova li fil-mument li sar min għamlu ma kienx kapaċi;-
3. Li biex wieħed jista' jagħmel testment ma hemmx bżonn "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di ciò che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie" ... Huwa biżżejjed għal min jagħmel testment "che sia fornito di sufficiente percezione, raziocinio, o memoria, onde sia capace di determinazione e di volontà ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose. Nè a questa bastante mediocrità delle facoltà intellettuali ordinarie osta, per un testamento da farsi, che talora si mostrino errori mentali e passeggiere apparenze di aberrazioni; poichè nel concorso di simili difetti, quando lo stato abituale esebisca la sicurezza di una comune ordinaria intelligenza, e non si conosca che al momento di testare sia in istato di aberrazione, non si può supporre una insanità che escluda la facoltà di testare"...;-
4. Li biex tiġi stabbilita l-insanità mentali tat-testatur hemm bżonn li jirriżultaw indizji gravi; u kif qalet din il-Qorti fis-17 ta' Ġunju, 1921 in re "Imbroll vs. Mugliett" (Kollezz. Vol.XXIV-I-793) m'humiex biżżejjed "semplici congetture e possibilità, nè basta che i testimoni abbiano affermato che il testatore faceva atti da pazzo, senza specificare tali atti, e non possono neppure ammettersi delle vaghe induzioni, ma i fatti e gli argomenti devono essere precisi e concludenti trattandosi di persone dementi a riguardo delle quali non sono più possibili quegli esperimenti medico-legali, i quali d'ordinario rendono palese quel grado di abituale infermità di mente necessario a far ritenere un individuo incapace di provvedere ai propri interessi e a disporre delle proprie sostanze";-
5. Li l-Qrati tagħna dejjem kienu renitenti li jammettu d-domandi biex jiġi annullat testment minħabba l-insanità mentali tat-testatur, jekk din l-inkapaċità ma tkunx irriżultat b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi, u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qiegħed jagħmel it-testment. It-Troplong (Donazioni tra vivi e testamenti, no.463) jgħid li "è opinione ricevuta come vera che il testamento si deve presumere fatto nel tempo della remissione del male, se l'infermo ha avuto dei lucidi intervalli e l'atto porta i caratteri della saggezza"; jew inkella, kif jgħid il-Mantica ... jekk "il testamento è cosi fatto da non riscontrare in esso alcun segno di stoltezza"

17. Dawn il-prinċipji, kif diġà ntqal, ġew dejjem u konsistentement applikati fil-ġurisprudenza tagħna, anki fi żminijiet aktar riċenti (ara, per eżempju, ***Victoria Galea vs. Mary Casingena et***, Appell Superjuri, 23/11/2020).

18. Ferm il-premess, meta tiġi biex tapplika l-istess prinċipji għall-każ li għandha quddiemha llum, il-Qorti ma tistax ħlief tikkonkludi li l-atturi naqsu milli jġibu prova kif imiss tal-infermità mentali li huma jgħidu li kien afflitt biha missierhom Grazio Pulis.

19. Il-provi miġjuba minnhom jikkonsistu unikament mix-xiehda tagħhom stess, li fiha jsemmu xi episodji li bihom huma jittentaw jiġġustifikaw l-azzjoni tagħhom. Din ix-xiehda tagħhom però hija korraborata biss mix-xiehda ta' Dorcas Camilleri, li hija sieħba ta' wieħed mill-atturi u għalhekk il-Qorti ma tqisix xhud għal kollox diżinteressata. Aktar minn hekk, l-episodji relatati mill-atturi jissemmew minnhom mingħajr riferiment ċar għal xi żmien li bih il-Qorti tista' torbot l-imġieba tat-testatur f'dawk l-inċidenti maż-żmien li fih sar it-testment impunjat. L-atturi jsemmu b'mod ġenerali s-sena elfejn u ħmistax, iżda din ir-riferenza hija aktarx aktar radikata fuq id-data tat-testment milli fuq memorja preċiża tal-atturi, tant li fil-kontro-eżami, l-attur Roderick Pulis saħanistra stqarr li kien żbaljat fid-dati msemmija minnu meta ġie konfrontat bil-fatt li huwa kien telaq mid-dar fejn kien jgħix fuq missieru madwar sena qabel li sar it-testment impunjat.

20. L-atturi naqsu wkoll milli jikkorraboraw l-episodji msemmija minnhom bix-xiehda ta' terzi, liema korraborazzjoni l-Qorti jidhrilha setgħet faċilment issir. Bl-aktar mod notevoli, l-atturi naqsu milli jipproduċu bħala xhud lill-ħabiba ta' missierhom, Bernardette, u dan minkejja li mill-provi rriżulta li huwa kien iqatta' ammont konsiderevoli ta' ħin magħha. Bla dubju, din kienet xhud li kienet tkun kapaċi tixħet aktar dawl fuq il-kondizzjoni mentali ta' Grazio Pulis fiż-żminijiet anki anteċedenti għat-testment. Kif rilevat permezz tal-ġurisprudenza u d-dottrina fuq ċitata, l-oneru tal-prova fil-każ odjern huwa fuq l-atturi u għalhekk in-nuqqas tagħhom li jipproduċu xhieda li kellu jkollhom ċertu mportanza jiswa kontra tagħhom. Hekk ukoll, ma nġabux biex jixhdu ġirien jew konoxxenzi ta' Grazio Pulis li forsi setgħu ikkonfermaw li huwa kien mar lura fl-istat mentali tiegħu, u li kien qed joħroġ barra u jitlef triqtu, jew inkella li ma kienx qed jagħraf lil nies li kien ilu jaf snin.

21. Lanqas ma nġabu biex jixhdu l-Pulizija li kienu nvoluti f'xi episodju partikolari li jissemma mill-attur Raymond Pulis u li fih suppost missieru kien inġab lura d-dar mill-uffiċċjali tal-Pulizija wara li ħareġ bil-lejl u ma sabx it-triq lura lejn id-dar.

22. Jekk wieħed iwarrab ix-xiehda tal-atturi u ta' Dorcas Camilleri, l-istampa li temerġi m'hijiex li Grazio Pulis ma kellux il-kapaċità li jagħmel testment. In-Nutar Lia fil-fatt xehed li huwa għamel prokura lil Grazio Pulis favur Raymond Pulis f'Ġunju tas-sena 2016, u li din il-prokura kienet neċessarja minħabba l-kondizzjoni fiżika ta' Grazio Pulis. In-Nutar Lia ma xehedx li Grazio Pulis kien afflitt minn xi kondizzjoni mentali wkoll fiż-żmien li saret din il-prokura – anzi, l-fatt li n-Nutar għamel il-prokura proprju jindika l-konklużjoni kuntrarja, u ċjoè li n-Nutar Lia dehrlu li Grazio Pulis kellu l-kapaċità neċessarja biex jagħmel dik il-prokura. Hekk ukoll ix-xiehda tat-Tabib Noel Camilleri kienet relattivament għaż-żmien li fiha mela l-applikazzjoni sabiex Grazio Pulis jiddaħħal f'dar tal-anzjani, u ċjoè f'Ġunju 2016, u mhux f'Settembru 2015, meta sar it-testment impunjat. F'Ġunju 2016 it-Tabib Camilleri sab xi nuqqasijiet fil-kondizzjoni mentali ta' Grazio Pulis, għad illi ma kienux neċessarjament tali li jipprekludu l-kapaċità testamentarja billi, kif ritenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, biex wieħed jagħmel testment mhux meħtieġ stat mentali perfettament san. Dan però ma jfissirx li dawk iċ-ċirkostanzi kienu wkoll jeżistu f'Settembru 2015, u kien imiss lill-atturi li juru li dan kien il-każ. F'dan il-kuntest, huwa kospikwu n-nuqqas tal-atturi li jistaqsu lit-Tabib Camilleri, li kien ilu jaf lil Grazio Pulis għal ċertu żmien, dwar il-kondizzjoni mentali tiegħu <u>qabel</u> Ġunju 2016.

23. Fuq kollox, jirriżulta mix-xiehda ta' Dr Etienne Muscat li fiż-żmien li sar it-testment impunjat, it-testatur kien ġie minnu eżaminat u misjub munit bil-kapaċità testamentarja neċessarja. Ix-xiehda tan-Nutar Roberta Borg, li kkonfezzjonat it-testment impunjat, tikkorrabora l-konklużjonijiet ta' Dr Etienne Muscat, billi hija xehdet li t-testatur kien jaf xi jrid u kien ukoll kapaċi jispjega l-mottivi tiegħu wara d-dispożizzjonijiet magħmula minnu. Is-sottomissjonijiet magħmula mill-atturi dwar l-għażla mit-testatur tan-Nutar Roberta Borg u tal-Avukat Maria Azzopardi bħala eżekutriċi testamentarja ma jistgħux iwasslu għall-konklużjonijiet mixtieqa minnhom, billi huma sottomissjonijiet bażati purament fuq konġettura u fuq suppożizzjonijiet li ma ġew b'ebda mod radikati fuq il-provi prodotti fl-atti.

24. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jsostnu li d-diżeredazzjoni magħmula fil-konfront tagħhom fit-testment impunjat ma ġiet ġustifikata b'ebda mod mill-konvenuti, u dan jattesta għan-nuqqas ta' raġjonevolezza tat-testment impunjat. Il-Qorti madanakollu tinnota li din m'hijiex kawża li permezz tagħha l-atturi qed jimpunjaw id-diżeredazzjoni, f'liema każ kellhom ikunu l-konvenuti li jippruvaw li r-raġunijiet invokati mit-testatur huma fondati, kif irid l-artikolu 625(1) tal-Kodiċi Ċivili. Dik hija azzjoni oħra differenti minn dik odjerna, u li hija impreġudikata bl-eżitu tal-kawża odjerna. Għalhekk il-Qorti ma tistax tlum lill-konvenuti li ma ġabux provi biex jiġġustifikaw id-diżeredazzjoni la darba l-meritu tal-kawża odjerna huwa distint u differenti. U għalkemm huwa minnu li r-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet testamentarji hija wkoll fattur li għandu jitqies mill-Qrati fid-determinazzjoni tal-kapaċità testamentarja tat-testatur, dak il-fattur waħdu qatt m'huwa suffiċċjenti, iżda jrid f'kull każ jiġi akkumpanjat minn provi serji, gravi u univoċi li juru li t-testatur kien tassew kolpit minn diżordni mentali li ma kienx jippermettilu jieħu ħsieb l-interessi tiegħu kif imiss. Provi li però ma sarux mill-atturi.

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Onor. Mark Simiana, LL.D

Imħallef

Lydia Ellul

Deputat Reġistratur